# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 19**

**Avviz numru 554/00/SM**

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Emanuel Calleja**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' seba' mija u disgha u sittin lira Maltin (LM769) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, minnu dovuta lill-attur, bhala prezz ghall-bejgh u konsenja ta' bhejjem u gwiez;**

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali sad-data tal-hlas eventwali – ilkoll kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Art 2148 (b) tal-Kodici Civili u dik ta' hames snin a tenur tal-Art 2156 (f) tal-Kodici Civili;

2. Fil-mertu, illi hu m'ghandu jaghti ebda ammont billi huwa hallas ta' kull oggett li huwa xtara minghand l-attur;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet jirrizulta li kellhom relazzjoni kummercjali bejniethom li kienet testendi ghall-perjodu konsiderevoli fejn l-attur kien iforni lill-konvenut b'bhejjem u gwiez;

2. Illi ghalkemm il-konvenut kien jitlob lill-attur il-kontijiet ghall-pagamenti mitluba dawn qatt ma kienu jigu fornuti;

3. Illi l-konvenut isostni li l-ahhar negozju bejn il-partijiet kien sehh fl-1995 u l-kont relattiv kien debitament saldat;

**4. Illi l-konvenut isostni ghalhekk li nonostante t-talbiet ta' l-attur, l-ebda ammont m'hu minnhu dovut lill-attur;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm mill-affidavit ta' l-atur u mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li bejn il-partijiet verament kien hemm relazzjoni kummercjali pero' l-allegazzjoni attrici ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjesta mill-ligi civili taghna stante li tistrieh biss fuq sensiela pjuttost imhawda ta' cifri li lanqas l-istess attur ma gharaf jispjega sew lil din il-qorti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ma pprovax il-kaz tieghu u allura tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**